# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

Il-Ħamis, 29 ta' April 2021

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar il-Ħamis, 29 ta' April 2021 fl-5.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier (daħal għal-laqgħa fis-6.20pm)
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv



NG S. Borg

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 29.1 Talba;

29.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 29.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

29.2.1 Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri: is-Sindku s-Sur Saviour Borg, il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri, u l-kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 29.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 28 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

29.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

29.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

29.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

29.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi informa li ħareġ it-tiġdid tal-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar għat-tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill Lokali irċieva wkoll il-permess bil-posta. Huwa qal minkejja kull tfixkil li nqala tant li kellna mmorru l-Qorti kontra l-Awtorita' tal-Artijiet, l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet il-permess u lanqas laqgħet ir-rakkomandazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li l-fond 189,190 jiġi kif inhu inkorporat fil-proġett.

29.4.2 Is-Sindku informa li sar il-Protest Ġudizzjarju dwar il-Belvedere ta' Triq



N G S. Borg

ta' Mulejja u ġie ppreżentat fil-Qorti t'Għawdex.

29.4.3 Is-Sindku informa li ħa sehem fil-laqgħa tas-Sindki organizzata mir-Reġjun Għawdex mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Dr Aaron Farrugia, iċ-Chairman u s-CEO tal-Awtorita' tal-Ippjanar, dwar l-Iżvilupp eċċessiv u d-Degredament Ambjentali ta' Għawdex, fejn is-Sindku ressaq il-proposti tal-Kunsill li ġew maqbula fil-laqgħa preċedenti. Hu informa li l-Ministru Aaron Farrugia talab biex il-proposti li ressqu l-Kunsilli jkun ġust li jintbagħtu wkoll lil kelliem tal-Oppożizzjoni dwar l-Ambjent u lil-Awtorita' tal-Ippjanar.

29.4.4 Is-Sindku informa li wara li kien hemm talba, twaħħal il-fanal rustiku mal-mitħna ta' Randu li tinsab fi Trejqet Għar Gherduf u nqalgħet il-bozza li kien hemm.

29.4.5 Is-Sindku Saviour Borg informa li saret laqgħa mal-Perit G. Vella dwar ix-xogħol li jrid isir fil-*playingfield* dwar il-qlugħ ta' materjal u anke jsir apparat ġdid kif ukoll tapiti u l-kumplament porfido li jkun jaqgħad mal-ispazju miftuħ li hemm quddiem il-*playingfield* u dak li ser isir in-naħa ta' wara tas-Sangristija. Hu għamel stima li ġiet tiswa madwar €75,000. Saret ukoll l-applikazzjoni għall-iskema li ħareġ id-Dipartiment - *Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.*

29.4.6 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-ittra dwar l-iżgumbrament tal-persuna mill-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja biex issir id-devoluzzjoni lill-Kunsill saret mill-Avukat ftit tal-jiem ilu. L-ittra intbagħtet reġistrata liċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Artijiet u kopja lis-CEO ta' l-istess Awtorita'.

29.4.7 Is-Sindku informa li tpoġġew fuq il-websajt tal-Kunsill il-*magazines* li kien joħroġ il-Kunsill mill-ewwel Kunsill fl-1994 sa l-aħħar wieħed li ħareġ fl-2013. Dan ix-xogħol sar mill-iskrivan tal-Kunsill.

29.4.8 Is-Sindku informa li kif kien hemm qbil verbalment mill-kunsilliera peress li s-Segretarju nesa' jgħid fil-laqgħa li għaddiet, tressqet il-kwotazzjoni biex isiru l-maskli għal kull resident tal-Fontana. Hu qal li l-istima kienet ta' €2.25 kull waħda u wara insistenza tiegħu ingħataw għall-prezz ta' €2.10 inc VAT kull waħda. Saru 900. Dawn qed jitqassmu f'kull residenza biex ma' jiġux nies bla bżonn fl-uffiċċju tal-Kunsill u hekk jieħu kulħadd.



N.a. S. Borg

29.4.9 Is-Sindku informa li hemm ilment minn resident minn Triq John Gaspard Le Marchant biex isir *double yellow line* quddiem it-taraġ fi Triq Santa Dminka li jagħti għal Triq John Gaspard Le Marchant, biex ma' jipparkjawx karozzi quddiemu għar-raġuni li min jinżel u jitla, u jkun hemm karozza ipparkjata quddiem dan it-taraġ, jkollu jerġa jdur lura. Il-Kunsill ġa bagħat it-talba lil Transport Malta u ġiet approvata. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

29.4.10 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li hemm talba biex jiċkien *double yellow line* fi Triq il-Għajn, quddiem Sqaq Nru 4. Hu qal li żdiedet ħafna l-problema tal-*parking* f'din it-triq, għax minkejja li ftit nies joqgħodu fiha, hemm min għandu żewġ karozzi u qed jiġu jipparkjaw minn triqat oħra. Ilu kien sar dan is-sinjal għar-raġuni li kien hemm razzett tat-tiġieġ. Dan issa ilu li għalaq għalhekk ftit li xejn għadom jidħlu vetturi f'dan l-isqaq. Jekk jitnaqqas daqs *parking* ta' karozza, ikun hemm aktar spazju għall-parkeġġ. Kien hemm qbil għalhekk għandu jintalab permess ta' Transport Malta.

29.4.11 Is-Sindku Saviour Borg informa lil dawk preżenti li l-Kunsill se jdaħħal żewġ applikazzjonijiet fl-iskema tal-LESA – Proġetti fil-Komunitajiet. Dawn se jagħlqu l-Ġimgħa. Il-Kunsill ser japplika għall-fanali ta' fuq iz-zuntier u għall-apparat tal-logħob fejn ġew inklużi wkoll tapiti ġodda.

29.4.12 Is-Sindku qal li l-Ġimgħa ser issir laqgħa mal-President tar-Reġjun Għawdex Dr Samuel Azzopardi. Hu qal li se jattendi hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv minħabba miżuri tal-COVID 19. Din il-laqgħa ser issir fuq talba ta' l-istess President tar-Reġjun u rigward it-talbiet li l-Kunsill għamel lir-Reġjun Għawdex, fix-xhur preċedenti.

29.4.13 Is-Sindku informa li x-xogħol tal-bini tat-triq u kisi bit-tarmac li kien talab għalih il-kuntrattur f'isem il-Ministeru għal Għawdex fi Trejqet Wara l-Idjar beda.

29.4.14 Is-Sindku informa li dakinhar kellha ssir ukoll il-laqgħa pubblika tal-lokalita'. Ir-residenti kellhom japplikaw biex jattendu. Minkejja li saru l-avviżi, ħadd ma' kien interessat li jieħu sehem.



NG S. Borg

## 29.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido

29.5.1 Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni ta' dan il-proġett hi li x-xogħol qed itawwal ħafna. Hu qal li sar is-*survey* mitlub mill-SCH mill-persuna li kien ħadem *survey* li ried il-Perit T. Bezzina qabel beda dan il-proġett. Is-Sur J. Grima li hu l-*archeaological monitor* ta' dan il-proġett bagħat ir-rapport lis-Supretendent għall-Patrimonju Kulturali. Issa l-Kunsill qed jistenna min-naħħa tagħhom. Is-Sindku informa ukoll li l-Kunsill kiteb lill-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet biex jagħti l-posizzjoni tiegħu. Il-Perit tal-kumpanija wieġeb li x'ħin jiġi l-*clearance* mill-SCH ikunu jistgħu ikomplu bix-xogħol. Jidher li x-xogħol li kienet talbet il-Parroċċa lil Ministeru għal Għawdex fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali ġie approvat għar-raġuni li mill-kitba tal-Perit Camilleri, l-ewwel ser isir xogħol tat-trinka fil-parti fejn hi responsabbilita' tal-Kunsill, imbagħad x'ħin jitlesta x-xogħol issir il-parti li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam magħha, li hija proprjeta' privata tal-Knisja. Is-Sindku qal li jispera li x-xogħol jitkompla kemm jista' jkun malajr, biex almenu sal-festa l-parti ta' ħdejn is-Sangristija tkun ingħatat il-konkos.

## 29.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja

29.6.1 Is-Sindku qal li l-Avukat tal-Kunsill kiteb liċ-*Chairman* u lis-CEO tal-Awtorita' tal-Artijiet biex kemm jista' jkun malajr il-persuna tiġi żgumbrata minn dan il-fond biex tkun tista' ssir id-devoluzzjoni ta' dan il-fond. Is-Sindku qal wkoll li kif qal aktar il quddiem ħareġ u irċieva il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 29.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn

29.7.1 Is-Sindku qal li kellha ssir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, mad-Direttur Ġenerali u mal-kuntrattur, u għadu ma sar xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill bagħat ukoll *reminder* ħabba din il-laqgħa. Il-kuntrattur, sfortunatament għadu lanqas ta l-*works programme*. Is-Sindku qal li ma' jistax ikun il-Kunsill jibqa' f'din is-sitwazzjoni, mingħajr ebda ħjiel ta' xejn. Triq l-Imgħallem fir-Rabat, Għawdex qed toqrob biex jagħtuha l-ewwel kisja ta' tarmac. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jinsisti biex issir il-laqgħa. Kien hemm qbil.



N G S. Bez

## 29.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

29.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' riżenja minn Segretarju Eżekuttiv ta' l-istess Kunsill minħabba kundizzjonijiet ta' saħħa. Iż-żmien tan-*notice* li hu obligat li jaħdem huwa bejn il-15 ta' April 2021 u l-15 ta' Mejju 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' riżenja. Is-Sindku qal li billi hemm strajk tas-Segretarji Eżekuttivi, id-Dipartiment infurmana li ma' jistgħux joħorġu *Calls for Application* bħalissa. Wara li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni li s-sejħiet għal Segretarju Eżekuttiv tista' toħroġ esternament, x'ħin fuq proposta tiegħu l-Kunsill staqsa lid-Dipartiment xi kwalifiċi wieħed għandu bżonn, id-Direttur Ġenerali qal li dawn għadhom iridu jitfasslu. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill biex jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv, imma meta ħareġ is-sejħa, ħadd ma' wera interess. Is-Sindku qal l-Kunsill ippropona ukoll li jinħatar lill-iskrivan, imma d-Dipartiment wieġeb li ma' jistax. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel il-mija fil-mija tiegħu biex ikompli sakemm jinħatar xi ħadd, bħalma kienu għamlu Segretarji Eżekuttivi preċedenti. Is-Sindku qal li s-Segretarju jaf kemm għintu anki meta kien Deputat Segretarju Eżekuttiv tant li fin-nofs ta' nhari tal-Gvern, bejn l-1 ta' Lulju meta beda bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-aħħar ta' Settembru, fis-Sajf kont niġi wara nofsinhar biex ikun jista' jiggwida ruħhu u jmexxi, minflokk noqgħod nistrieħ id-dar. Dan għadni nagħmlu sa llum u jista' jikkonfermah. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan.

29.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talba għall-bankina ġdida mingħand is-Sur A. Borg bl-indirizz A1, Triq is-Sajjieda, Fontana. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-proċedura hi li talba għal-bankina ġdida, tintbagħat lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat it-talba lil Ministeru għal Għawdex.

29.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart ressaq talba biex ir-residenti ta' *Fontanella Gardens* joħorġu l-iskart tagħhom f'tarf it-triq. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jara x'kundizzjonijiet hemm fil-kuntratt u nimxu ma' dak li hemm miktub.

29.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dik il-Ġimgħa ntbagħtet korrispondenza lill-kuntrattur li jiġbor l-iskart li qed jidħlu ilmenti l-Kunsill li kemm r-*rubbish bins* u kemm id-*dog bins* qed jitħallew mimlija, biex jirregola ruħhu sew u jibdew jitnaddfu aktar ta' sikwit, u l-bibien jingħalqu kif



N G S.Borg

suppost.

29.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra li l-Avukat Dr J. P. Grech bagħat liċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Artijiet f'isem il-Kunsill. Is-Sindku talab biex is-Segretarju Eżekuttiv jibgħat kopja lill-kunsilliera.

29.8.6 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Diacono mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bit-titlu Estenzjoni ta' Skemi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ġa bagħat l-applikazzjoni tiegħu tal-iskema SPI/SCI/2/2021 – *Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfield fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex*.

29.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri bit-titlu *Residentail Roads – Update of Works* biex il-Kunsill jibgħat programm rivedut tax-xogħlijiet fuq it-tibdil tal-mejns u r-ristrutturar tat-triq. Il-Kunsill wieġeb li fi Frar li għadda, il-Kunsill Lokali kien talab biex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, mad-Direttur Ġenerali u mal-kuntrattur sabiex jiġi deċiż meta jista' jibda x-xogħol f'din it-triq. Sal lum l-Kunsill kien għadu mingħajr risposta. Kien hemm diversi talbiet oħra fix-xhur li għaddew.

29.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva PQ bit-titlu PQ 20621 – Pagamenti lil Periti. Din il-PQ kienet tgħid *Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti mill-Kunsilli Lokali, wieħed b'wieħed, fuq xogħol ta' konsulenza u servizzi lill-perit li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament mill-2013 sal-lum?* Id-dettalji tal-Perit huwa l-Onor. T. Bezzina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill bagħat ir-risposta tiegħu lid-Dipartiment.

29.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza rigward il-ġabra tal-iskart riċiklabbli ta' nhar ta' Tlieta u dik tal-ħġieġ ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Is-Sindku wieġeb li rriżulta li l-ħlas mid-Dipartiment ta' dawn l-ispejjeż hu mwiegħed biss sa l-aħħar tas-sena. X'ħin il-Kunsill iċċekkja mal-Kunsill Lokali tal-Isla, li għandhom l-istess problema bħalna, infurmawna li dawn ma' rċievew xejn minkejja li għadhom jibgħatu l-*invoices*. Hemm varjazzjoni ta' madwar €6000 fis-sena li d-Dipartiment m'allokax flus għalihom. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkompli jinsisti għalihom, għax dawn il-Kunsill m'għandux minn fejn joħroġhom. Hu qal ukoll li dawn l-Kunsill se jitlobhom ukoll lir-Reġjun Għawdex fil-laqgħa li se nattendu għaliha. Il-ġimgħa ta' qabel tlabbnihom ukoll mill-iskema tal-LESA imma ġejna nfurmati mill-



N G S. Boy

President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill ma' jistax japplika għal xi ħaġa hekk.

29.8.10 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Debattista mill-EUPA bis-suġġett *European Solidarity Corps Info Session*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.11 Korrispondenza mis-Sur M. Cefai minn Transport Malta bis-suġġett Komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.12 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Agius mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali bis-suġġett Emenda fil-*Policy* dwar id-Devoluzzjoni Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.13 Skema SPI.SCI.5.2021 – *Community Inclusive Employment Scheme 2021*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill m'għandux spazju għal aktar nies fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.14 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Debattista mill-EUPA bis-suġġett *Erasmus+ Information Session: 16 April 2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.15 Ċirkulari AKL 2021/033 bis-suġġett *CRPD – Disability Equality Training*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.16 Ċirkulari AKL 2021/034 – *University Courses 2021–22 Faculty for Social Wellbeing*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.17 Korrispondenza mingħand il-*Happy Parenting – Malta for Happier Children* bis-suġġett *Malta's First International Experts Seminar* – 17 April 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.18 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Applikazzjonijiet Nru RG/10657/20, PA/06556/20, PA/02834/21, PA/02654/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.19 Is-Sur Jonathan Cefai daħal għal-laqgħa fis-6.20pm.

29.8.20 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva il-permess ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar tat-tkomplija tal-aħħar Fażi taċ-Ċentru Ċiviku fi



NLi S. Borg

Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja. Is-Sindku qal li dan hu validu għal ħames snin.

29.8.21 Korrispondenza mibgħuta lis-Sur M. Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-parti ta' fejn il-Kunsill għaddej b'xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido issir *Slow Street*. Is-Sur Fava wieġeb li se jitkellem mal-Periti tal-Istudju Urban u se jkellemna lura.

29.8.22 Korrispondenza mis-Sa. M. Zammit mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett Komunikazzjoni mid-Direttur Ġenerali rigward l-istrajk li s-Segretarju Eżekuttivi qed jagħmlu, inħasset il-ħtieġa li tinġibed l-attenzjoni tal-miżuri kontemplati fid-direttiva tal-*union*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu mhux isegwi dawn id-direttivi u mhuwiex qiegħed fuq strajk. Is-Sindku qal li hemm Kunsilli oħra li lanqas laqgħat ma' huma qed jagħmlu.

29.8.23 SPI/SCI/4/2021 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.24 Korrispondenza mingħand is-Sur M Sacco mill-UĦM bis-suġġett Nota mill-UĦM lis-Sindki u l-Kunsilliera rigward l-istrajk tas-Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Segretarju Eżekuttiv ma hux qed jieħu sehem f'dan l-istrajk.

29.8.25 Korrispondenza mingħand il-Perit J. Camilleri mill-RCCL fejn informa lill-Kunsill li rigward ix-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido qed jistennew l-*clearance* biex ikunu jistgħu jkomplu. Rigward ix-xogħlijiet relatati mal-Knisja li ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex se jinqasmu f'żewġ fażijiet, fażi A xogħlijiet li huma nklużi fis-*site plan* u fażi B xogħlijiet li ma jaqgħux fis-*site plan* li dawn ser isir meta l-proġett tal-Kunsll Lokali jkun lest.

29.8.26 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsill se jagħmel żewġ applikazzjonijiet fl-iskema tal-LESA, Proġetti fil-Komunitajiet. Dawn l-applikazzjonijiet ser ikunu għall-fanali ta' fuq iz-zuntier u għat-tkomplija tal-apparat tal-logħob li ġew inklużi magħhom wkoll tapiti ġodda għal meta jinqala l-bejt.

29.8.27 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo rigward stedina mill-President tar-Reġjun Għawdex Dr Samuel Azzopardi lis-Sindku Saviour



NG S. Bog

Borg u lis-Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa l-Ġimgħa 30 ta' April 2021. Is-Sindku wieġeb li se jattendi hu u s-Segretarju Eżekuttiv u ser issir fl-uffiċċju tar-Reġjun Għawdex.

29.8.28 Ċirkulari AKL 2021/038 bis-suġġett *Senior Passport link not working – Heritage Malta*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.8.29 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Diacono mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Talba għal-kjarifikazzjoni – SPI.SCI 3/2020 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita', fejn il-Kunsill applika għal xiri ta' vettura li taħdem bl-elettriku. Billi ġiet varata skema tat-Transport Malta fejn qed tiffinanzja parti mill-prezz ta' tali vettura, id-Direttorat qiegħed jirrakomanda li l-Kunsill jindika taħt liema klawżola jaqa tali xiri skond din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li tkellem ma' Transport Malta, il-Kunsill jaqa' taħt l-iskema *For Registered Companies and Partnerships, Local Councils Registered NGOs, Self Employed, and Cooperatives the grant will amount to €8,000 when registering a new electric vehicle falling under the M1 category without de-registering and scrapping another ICE vechicle.* Il-Kunsill qabel dwar dan.

29.8.30 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li attenda għal webinar bit-titlu *Infrastructure: The Future of our Localities* li sar nhar il-15 ta' April 2021. Hu qal li dan il-webinar kien maqsum f'erba' partijiet li kienu informazzjoni dwar Studjuurban, is-CRPD, il-Kamra tal-Periti u informazzjoni dwar il-grupp ROTA.

29.8.31 Korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana rigward inizjattivi proposti f'għeluq il-5 snin mit-twaqqif ta' din l-għaqda. Is-Sindku talab biex din il-korrispondenza tintbagħat lill-kunsilliera. Din l-għaqda qed titlob li tħawwel 5 siġriet li jfakkru l-ħames snin ta' din l-għaqda. Is-Sindku ppropona biex dawn is-siġar jiġu mħawwla fil-Wied tax-Xlendi, f'dik il-parti fejn hija fil-konfini tal-Fontana. Dan minħabba r-raġuni li l-Kunsill m'għandux spazju fiż-żona urbana fejn jitħawwlu aktar siġar. Importanti li jissaqqew sa' l-ewwel sentejn sakem jaqbdu. Madanakollu m'għandux ikun hemm problema ta' tisqija għax hemm l-ilma ftit metri l-bogħod. Rigward it-tip ta' siġar, is-Sindku ppropona li jitħawwlu siġar endemiċi ta' Malta u Għawdex bħas-siġra tal-Luq, siġra tal-Għargħar, iż-Żafżafa kemm kbira u kemm żgħira kif ukoll is-siġra ta' Ġuda. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Rigward l-inizjattiva ta'



Nh S.Borg

*free lending library*, is-Sindku Saviour Borg wieġeb li filwaqt il-Kunsill Lokali japprezza u jfaħħar ideat u inizzjattivi bħal dawn, wieħed irid joqgħod attent minn vandaliżmu jew ħsara li tista' ssir. Jekk għandhom il-ħsieb li ssir mal-ħajt tas-Sangristija iż-żgħira, wieħed irid joqgħod attent minn xi tip ta' vandaliżmu bħal ħruq li jista' jkun ta' danni għal-Knisja u jekk se jitwaħħlu mal-ħajt iridu jġibu l-permess mingħand il-Parroċċa, jew, fl-ispazju miftuħ mal-ħajt li hemm mad-dahar tal-monument tas-Sajjieda. Kien hemm qbil.

29.8.32 Ċirkulari AKL 2021/037 bis-suġġett *Group Life Policy* – Membri Eletti. Is-Sindku qal li dan il-ħsieb beda wara l-mewt tas-Sindku ta' Ħal Qormi s-Sur Renald Falzon. Din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li membru elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga. Il-Viċi Sindku ppropionet li l-Kunsill għandu jieħu sehem biex jekk jinqala l-każ jeħduhom it-tfal. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill japplika għal din il-polza.

29.8.33 Ċirkulari AKL 2021/036 bis-suġġett Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li tinxtgħel il-faċċata ta' l-uffiċċju tal-Kunsill kulur aħmar.

29.8.34 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. M. Muscat mid-Dipartiment ta' Eko-Għawdex bis-suġġett *Disinfection of Fontana Square from 5.00am onwards for Friday 07/05/2021.* Is-Sindku qal biex il-Kunsill jinforma lir-residenti permezz tal-paġna uffiċċjali tal-Kunsill ta' *Facebook*.

29.8.35 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. R. Bonnici mill-ME, CFS & Fibromyalgia Alliance bis-suġġett *Light up The Night 2021*. Ġie nnotat il-kontenut.

29.8.36 Korrispondenza mis-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU – Aġġornament. Is-Sindku qal li hemm fond ta' madwar €800,000 mill-Unjoni Ewropeja li se jintilfu jekk ma' jinstabx kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol. Skond id-Dipartiment, iż-żewġ alternattivi huma jew li d-Diviżjoni toħroġ sejħa oħra għall-offerti għal proġett kollu skont ir-rekwiżiti tal-EU u timplimenta l-proġett b'mod ħolistiku; jew it-tieni alternattiva tkun li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jidħol għal dan il-proġett waħdu jew kollettivament ma' Kunsilli oħra. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill imur għall-ewwel alternattiva, dik li d-Dipartiment joħroġ is-sejħa hu f'isem kulħadd billi għandhom aktar nies esperti milli għandu



Nh S Borg

l-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

29.8.37 Korripondenza mingħand is-Sa. M. Camilleri mill-NCPE bis-suġġett *Newsletter – Equality Matters – Issue 13.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 29.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

29.9.1 Is-Sindku Saviour Borg staqsa lill-kunsiller s-Sur Horace Micallef fejn se jitwaħħal il-bin li kien ippropona li jitwaħħal f'Wied Siekel. Is-Sur Micallef qal li l-aħjar jitwaħħal ħdejn dak il-pilastru fin-naħħa t'isfel ta' Wied Siekel. Rigward it-tabella tal-*Parking with the lines* fi Triq Għajn Tuta, s-Sindku informa li l-Kunsill talab u ġab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

29.9.2 Is-Sur Jonathan Cefai talab biex isir *patching* f'ħofra fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill irid jixtri l-*patching*.

## 29.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

29.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 22/2021 għall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu 2021 u d-29 ta' April 2021 li tammonta għal €14,499.89 ġiet approvata u ffirmata.

## 29.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.55 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għat-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv